REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1267/2009

tat-18 ta' Diċembru 2009

dwar l-emendar tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 tal-25 ta' Frar 2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Myanmar u jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 817/2006 [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) (b) tiegħu

Billi:

(1) Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 194/2008 jelenka l-persuni, gruppi u entitajiet koperti bl-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/981/PESK tat-18 ta' Diċembru 2009 [2] atemenda l-Anness II tal-Pożizzjoni Komuni 2006/318/PESK tas-27 ta' April 2006. L-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 194/2008 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-puibblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Għall-President
João Vale DE ALMEIDA
Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

[1] ĠU L 66, 10.3.2008, p. 1.
[2] ĠU L 338, 19.12.2009, p. 90.

ANNESS

Fl-Anness VI għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008, l-entrata li ġejja hija mħassra.

"E7c	Aung Khaing Moe	Iben Myo Myint, d.t.t. 25.6.1967 (maħsub li bħalissa qiegħed fir-Renju Unit; mar qabel iddaħħal fil-lista)	M"